**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 11 ta' Dicembru, 2017**

**Talba Nru: 125/2017PM1**

**Bernardette Vella (ID 559391(M))**

**Vs**

**Keith Farrugia (ID 310391(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-10 ta' Marzu, 2017 permezz ta' liema l-attrici qed titlob illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-istess attrici s-somma ta' erbat elef u tmin mitt euro (€4,800) rapprezentanti sehmu mill-hlasijiet li l-istess attrici ghamlet ghan-nom taghha u ghan-nom tal-istess konvenut bhala depoziti fuq it-tieg li kellu jsir nhar it-28 ta' Gunju, 2017 gewwa l-Hilton Hotel San Giljan bhala celebrazzjoni taz-zwieg taghhom, liema celebrazzjoni thassret wara decizjoni unilaterali tal-konvenut stante li r-relazzjoni ta' bejniethom twaqqfet hesrem min-naha tal-istess konvenut; bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali debitament notifikata lill-intimat flimkien mal-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv ilkoll kontra l-konvent.

Ra r-risposta tal-konvenut Keith Farrugia permezz ta' liema gie eccepit illi t-talba tal-attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess u dana ghas-segwenti ragunijiet:

1. Preliminarjament, in kwantu t-talba attrici titratta essenzjalment reklam ta' danni wara gherusija bejn il-kontendenti u ghalhekk tirrientra fil-parametri tal-Art. 3 tal-Kap. 5 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal mhux kompetenti *ratione materiae* sabiex jisma' u jiddeciedi t-talba odjerna.
2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-partijiet kienu qablu permezz ta' skrittura datata 6 ta' Mejju, 2016 (Dok. A anness mal-istess risposta) illi kwalunkwe spejjez relatati mal-gurnata tat-tieg taghhom kellhom jigu mhallsa fl-intier taghhom unikament mill-attrici; japplika ghat-talba odjerna ghalhekk il-principju governanti *pacta sunt servanda*.
3. Fit-tielet lok, u minghajr pregudizju ghas-suespost, ma huwiex minnu illi r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat b'xi tort tal-intimat.
4. Fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub, anke mharsa l-principji tal-ekwita` u l-gustizzja, ma hux dovut.
5. Mill-bqija, it-talba tal-attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

   Bl-ispejjez kontra l-attrici, inkluz dawk konnessi mal-ittra gudizzjarja 166A bir-referenza numru 254/17, datata 8 ta' Frar, 2017.

Ra l-iskrittura datata 6 ta' Mejju, 2016 sottoskritta mill-partijiet kontendenti a fol. 7 tal-process.

Ra n-nota tal-attrici bl-affidavits taghha (Dok. BV1), ta' Pauline Vella (Dok. BV2) u ta' Franco Vella (Dok. BV3) u dokumenti relattivi annessi prezentata waqt is-seduta tal-11 t'April, 2017 (fol. 10 sa 57 tal-process).

Sema' x-xhieda in kontro-ezami tal-atturi, ta' Pauline Vella u ta' Franco Vella moghtija waqt is-seduta tas-26 ta' Gunju, 2017 (fol. 61 sa fol. 68 tal-process).

Ra n-nota tal-intimat datata 23 t'Awwissu, 2017 permezz ta' liema ezebixxa l-affidavit tieghu, l-affidavit ta' ommu Carmen Farrugia, l-affidavit ta' missieru Michael Farrugia, l-affidavit ta' huh Bjorn Farrugia u l-affidavit ta' huh Daniel Farrugia (fol. 69 sa 93 tal-process).

Sema' x-xhieda ta' Keith Farrugia in kontro-ezami waqt is-seduta tas-27 ta' Settembru, 2017.

Sema' x-xhieda in kontro-ezami tax-xhieda Carmen Farrugia, Michael Farrugia u Bjorn Farrugia moghtija waqt is-seduta tas-27 t'Ottubru, 2017.

Ra li fir-rigward tax-xhieda ta' Keith Farrugia tas-seduta tas-27 ta' Settembru, 2017 kien hemm xi problemi fir-rigward tar-registrazzjoni tal-istess u ghaldaqstant it-traskrizzjoni relattiva baqghet ma gietx inserita fiil-process.

Sema' mill-gdid ix-xhieda in kontro-ezami tal-intimat Keith Farrugia moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru, 2017. Ra li waqt tali seduta l-partijiet iddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi. Sema' wkoll waqt l-istess seduta t-trattazzjoni tar-rapprezentanti legali tal-partijiet.

Ra li l-kawza giet differita ghall-ghoti tas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

**Ikkunsidra**

Illi l-azzjoni odjerna tirrigwardja talba min-naha tal-attrici ghar-rifuzjoni minghand l-intimat ghal nofs l-ispejjez inkorsi minnha bi preparazzjoni ghat-tieg taghhom, liema tieg ma sehhx wara li l-intimat hassar l-gherusija.

Illi t-Tribunal **<u>ser jistharreg u jiddeciedi fl-ewwel lok, l-eccezzjoni preliminari koncernanti l-kompetenza o meno *ratione materiae* tal-istess Tribunal sabiex jiddeciedi l-kawza odjerna.</u>**

Illi f'dan ir-rigward jehtieg illi ssir referenza ghall-art. 3 tal-**Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar** (Kap. 380 tal-Ligijiet ta' Malta) li jipprovdi espressament is-segwenti:

> "*(2) Bla ħsara għas-subartikolu (5), it-Tribunal għal Talbiet Żgħar ikollu ġurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux iżjed minn ħamest elef euro (€5,000)*"

Huwa car li l-eccezzjoni moghtija taht is-subartikolu (5) ghas-surreferit m'hijiex applikabbli ghall-kaz in ezami tenut kont li l-imsemmi art. 3(5) jirrigwardja materji li certament m'ghandhomx x'jaqsmu mal-fattispeci tal-azzjoni odjerna:

> *Kawżi li fihom jindaħlu kwistjonijiet dwar proprjetà ta' beni immobbli, piżijiet jew jeddijiet oħra mgħaqqdin mal-immobbli, għad li t-talba ma tkunx tiskorri ħamest elef euro(€5,000), u kawżi ta' żgumbrament jew tkeċċija minn beni immobbli ma jidħlux fil-ġurisdizzjoni tat-Tribunal."*

Illi fir-rigward tanl-Kap. 5 jinsab deciz li:

> "*L-iskop tal-Kap.5 huwa l-introduzzjoni ta' rimedju ghar-risarciment tad-danni morali ossia un compenso dell' ingiuria sofferta konsegwenza tal-ksur tal-weghda taz-zwieg liema somma hija likwidabbili mill-Qorti; izda ghalkemm ghall-applikazzjoni ta' din il-ligi jehtieg li l-promessa tkun saret bil-miktub kif jiddetta l-Artikolu 1233[g] tal-Kap.12, il-mankanza ta' skrittura ma tirrendix inammissibbli azzjoni ghad-danni materjali effettivament sofferti konsegwenzjalment ghall ingiusta azione tal-kolpevoli, stante li d-dritt ghal dawn id-danni jemani minn ligi diversa."*
> (**Josef Grech v. Joanne Testa** PA 11 ta' Mejju, 2004)

Illi ghaldaqstant huwa car li in kwantu azzjoni ghar-rizarciment ta' spejjez inkorsi, xejn min-natura tal-azzjoni odjerna avut rigward kemm ghat-talba u kif ukoll ghall-eccezzjonijiet imressqin mill-intimat, ma jservu sabiex irendu t-Tribunal odjern inkompetenti *ratione materiae* sabiex jiddeciedi l-istess kaz.

Illi l-intimat jeccepixxi b'mod partikulari li tali inkompetenza titwieled mill-fatt li, skont hu, ir-"*reklam ta' danni wara gherusija* (…) *tirrientra fil-parametri tal-art. 3 tal-Kap. 5 tal-Ligijiet ta' Malta*". Huwa car li xejn minn dak li jinsab provdut taht l-art. 3 tal-Kap. 5 tal-Ligijiet ta' Malta ma jservi sabiex b'xi mod jeskludi l-kompetenza tat-Tribunal odjern *ratione materiae*. Fil-kaz in ezami huwa car li t-talba odjerna tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' azzjoni ghar-rizarciment ta' spejjez materjali li ma jiskorrux is-somma ta' hamest elef euro (€5000). Il-fatt illi t-Tribunal sabiex jasal ghall-konkluzjoni dwar jekk l-intimat ghandux jigi kkundannat ihallas l-ammont mitlub ikollu jinvestiga materji koncernanti l-gherusija tal-partijiet ma jfissirx illi b'daqshekk it-Tribunal ma jibqax kompetenti *ratione materiae*. Huwa car li **l-ebda kawza ta' din ix-xorta, sakemm ma jkunx hemm ammissjoni ta' responsabbilta`, ma tinvolvi biss likwidazzjoni u/jew il-kundanna ta' hlas u l-fatt li sabiex wiehed jiddetermina tali responsabbilta` jirreferi ghall-principji legali applikabbli ghall-gherusija ma jfissirx illi awtomatikament tali azzjoni taqa' lilhinn mill-kompetenza *ratione materiae* tat-Tribunal.**

Illi perdipiu' huwa car li din mhux l-ewwel darba li t-Tribunal qed jigi adit sabiex jiddetermina kwistjonijiet koncernanti t-terminazzjoni tal-gherusija u r-rizarciment ta' danni jew spejjez kawzati bhala konsegwenza tal-istess (ara f'dan is-sens id-decizjonijiet moghtija minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut fl-ismijiet **Sharon Causon v. Fabio Axisa** deciza fit-8 ta' Mejju, 2002; **Noel Azzopardi v. Tracy Bajada** deciza fit-13 t'Ottubru, 2005 u **Simon Agius v. Melissa Zahra** deciza fit-3 t'April, 2006).

Ghaldaqstant huwa car lilhinn minn kull dubbju li t-Tribunal huwa kompetenti *ratione materiae* sabiex jiddeciedi dan il-kaz u kwindi l-ewwel eccezzjoni preliminari imressqa mill-intimat qed tigi michuda.

Illi **fir-rigward tal-mertu** l-intimat jikkontendi li:

1. In linea ma' dak sottoskritt mill-partijiet permezz tal-iskrittura datat 6 ta' Mejju, 2016 u kwindi mal-principju ta' *pacta sunt servanda* l-ispejjez relatati mal-

organizzazzjoni tat-tieg kellhom jigu sopportati interament mill-istess attrici minghajr ebda dritt ta' rizarciment minghand l-intimat u

2. M'huwiex minnu li r-relazzjoni ta' bejn il-partijiet spiccat b'xi tort tal-intimat.

Illi in linea prettament legali jehtieg illi ssir referenza ghas-segwenti principji:

1. "*Il-fatt li l-gherusija ma tkunx saret bil-miktub, ma jimmilitax kontra l-ezistenza taghha, izda jimpedixxi biss lill-parti li tressaq azzjoni ghad-danni morali, minhabba l-ingurja subita, taht il-Kapitolu 5. F'tali kaz, il-parti leza ghandha azzjoni ghad-danni fit-termini tal-artikoli 1031 u 1125 tal-Kap. 16, izda biex tirnexxi din l-azzjoni jehtieg li jikkonkorru s-segwenti elementi [a] l-ezistenza ta' gherusija bejn il-partijiet, [b] il-kapacita` legali taghhom sabiex jikkuntrattaw tali gherusija, [2] ir-resiliment ingust da parti tal-konvenut, [3] danni materjali konsegwenti ghar-resiliment.*" (Appell; **Zahra Jennifer Vs Bonello Ian** 26 t'April, 2017).

2. *"Illi l-gherusija hija mahsuba biex koppja jsiru jafu aktar lil xulxin u jersqu aktar lejn xulxin; hija żmien ta' prova biex il-partijiet isiru jafu jekk jaqblux ma' u ghal xulxin. Bniedem issir tafu aktar ma taghmilha mieghu, u kwalitajiet li forsi ghall-ewwel tarahom ta' importanza żghira jew li forsi thosshom jigbduk ukoll jistghu maż-żmien jibdew idejquk, u taghraf illi l-parti l-ohra ma hijiex is-sieheb jew siehba li ghall-ewwel hsibt li setghet tkun. Jekk parti tintebah illi hi u l-parti l-ohra ma humiex maghmulin ghal xulxin, ikun pass ghaqli u mhux abbuż illi thassar l-gherusija.* ***<u>Naturalment, dik il-parti jkollha d-dmir lejn il-parti l-ohra illi, hekk kif tintebah illi ma tistax tkompli maghha, tgharrafha b'dan minnufih, u mhux thalliha fil-ghama u, bil-hsieb illi ż-żwieg sejjer isehh, thalliha taghmel spejjeż żejda.</u>*** (…) ***<u>Ghalkemm ghamel sew il-konvenut li hassar l-gherusija la darba ra li ma kienx jaqbel mal-gharusa, madanakollu, ghamel hazin li beda jahseb dwar dawn l-affarijiet meta wasal it-tieg, u wara li kien halla lill-attrici taghmel l-ispejjez kollha. Ma kinitx xi grajja mhix mistennija li wasslitu biex</u>***

***__ihassar, iżda l-analiżi li ghamel dwar dak kollu li ghadda bejniethom waqt l-gherusija. Dik l-analiżi hallieha ghall-ahhar wisq, u ghalhekk ghandu jwieġeb ghad-danni li ġarrbu l-atturi minhabba d-dewmien tieghu.__***" (**Gauci Maria Et Vs Xuereb Martin** PA 18 ta' Jannar, 2005).

3. Illi imbghad, fir-rigward ta' kawza koncernanti obbligi assunti mill-gharajjes fil-konfront ta' terzi liema obbligi jkunu jinvolvu l-kontribut esklussiv min-naha ta' gharus/a wiehed/wahda gie deciz li:

"*Evidentement, in kwantu kuntratt, l-gherusija kkrejat komunjoni ta' debitu u ta' kreditu bejniethom, u dan necessarjament inissel il-partecipazzjoni taghhom it-tnejn ghall-attwazzjoni tar-rapport. Ghalhekk lil kull wiehed u wahda tispetta kwota ta' obbligazzjoni korrispondenti ghar-rapport tal-komunjoni indiviza ta' bejniethom u li allura f' kaz ta' xoljiment ta' din l-istess komunjoni, l-obbligazzjonijiet assunti jigu spartiti skond din il-kwota. F' dan il-kaz kull wiehed mill-kontendenti kellu fl-gherusija kwota ndaqs u li allura hu prezunt ukoll li ndaqs dahlu fl-idem debitum u l-eadem causa obligandi.* ***__Dan iġib allura illi jekk wahda minnhom ikkontribwit bi flus proprji ghall-obbligazzjoni l-parti l-ohra hi mistennija li tirrifondilha dak is-sehem korrispondenti ghall-kwota taghha, jiġifieri n-nofs tal-hlas li l-parti fosthom tkun ivversat__***; (…) *Hu ragonevolment mistenni, imbaghad, illi meta jinqalghu l-intoppi u l-weghda taz-zwieġ tispicca dak li kien fil-komunjoni ta' bejniethom jinqasam.* ***__Dan jinkludi anke l-komunjoni tad-debitu li jkunu dahhlu ghalih flimkien izda li dwaru tkun ikkontribwixxiet biss parti wahda.__*** (…) *Dan iwassal b' effett illi meta s-sors huwa personali lil xi wiehed biss fost il-konsorti, hu, imbaghad, mistenni li kull wiehed minnhom jirrikonoxxi dan l-istat ta' fatt. Hekk filkaz in ispecje il-konvenut kellu jirrikonoxxi li hu debitur versu l-attrici tan-nofs tas-somma minnha versata* (…)*"* (Appell Inferjuri **Waren Whitaker v. Fabio Lamagna**; 6 t'April, 2005).

Illi huwa car li l-principji hawn fuq elenkati huma lkoll applikabbli ghall-fattispeci tal-kaz in ezami. Jirrizulta car, b'mod partikulari, li f'din il-kawza wkoll dak li qed tipprova tottjeni l-attrici **m'huwiex ir-rizarciment tal-ispejjez kollha inkorsi minnha ghat-thejjija ghaz-zwieg u cioe` d-danni minghand l-intimat ghat-thassir ingust tal-gherusija imma biss nofs l-istess spejjez liema spejjez hija tikkontendi li ghamlet a nom taghha u a nom tal-istess intimat f'ishma ugwali**. Ghaldaqstant huwa car li f'dan ir-rigward l-attrici mhux qed tikkontendi li l-intimat ghandu jinzamm responsabbli fil-konfront taghha ghas-somma kollha zborsata minnha in linea ta' danni minhabba l-fatt li huwa ddecieda li jhassar l-gherusija ingustament imma biss ghas-sehem li hi harget f'ismu. Min-naha tieghu l-intimat jikkontendi l-attrici soffriet l-ispejjez kollha minnha inkorsi ghaliex riedet hekk hi u minkejja dak sottoskritt minnhom stess permezz tal-iskrittura datata 6 ta' Mejju, 2016.

Illi huwa fl-ewwel lok car illi, fir-rigward tal-htija ghat-terminazzjoni tal-gherusija **meta din grat**, jekk l-intimat ma jistax jahti talli hassar gherusija li kellha twassal ghaz-zwieg mal-attrici meta huwa ma kienx jemmen illi kienu aktar jezistu l-kriterji ghal relazzjoni tajba u stabbli bejn il-partijiet, certament illi ghandu jahti talli wasal ghal tali konkluzjoni biss meta kienu bdew sew it-thejjijiet ghaz-zwieg u l-attrici harget tista' tghid l-ispejjez relattivi ossija d-depoziti mehtiega kollha minn butha. Il-fatt illi l-intimat kien diga` nduna bid-dizgwid serju li ripetutament kien qed ikun hemm bejn il-partijiet u li sahansitra kien jinvolvi wkoll lill-qraba relattivi naxxenti, skont hu, minn aspetti tal-karattru tal-attrici li l-intimat beda jinduna bihom almenu meta gie biex jixtri proprjeta` maghha (u cioe` madwar sena qabel ma ttermina r-relazzjoni), kellhom sa minn dak iz-zmien ikunu ghalih aktar minn sufficjenti sabiex mhux talli jhalli lill-attrici tkompli bil-preparamenti ghaz-zwieg u l-infieq relattiv imma almenu jaghzel minnufih li ma jitgharrasx jew almenu jwaqqaf dawn it-thejjijiet jekk mhux jittermina l-gherusija kif fil-fatt ghamel wara. Illum il-gurnata, anke permezz tal-affidavit tieghu, l-intimat jirriferi ghal incidenti, inkluzi problemi pjuttost serji mal-famijari tieghu, li sehhew sa minn meta hu u l-attrici gew biex jixtru l-post, sabiex jiggustifika d-decizjoni tieghu li jtemm ir-

relazzjoni. Jidher li kien proprju f'dan iz-zmien li l-partijiet iddecidew li jizzewgu u bi qbil bejniethom bdew jintefqu l-ispejjez mertu tal-kawza ojderna. Huwa relevant wkoll il-fatt li l-intimat prefera li jsolvi n-nuqqas ta' qbil li kien hemm bejnu u l-attrici billi filwaqt li jaccetta li jizzewweg, ma jippartecipax fit-thejjijiet taz-zwieg u jaqbel li l-attrici tiehu r-rigali tat-tieg bhal rizarciment ghall-ispejjez li hija kienet qed tinkorri minflok jaghraf minnufih sewwasew is-sinjifikat ghalih ta' dan in-nuqqas ta' disgwid kontinwu u serju. Perdipiu' il-fatt li dan gara fi zmien meta suppost il-partijiet kellhom ikunu t-tnejn kuntenti jhejju t-tieg taghhom u l-hajja taghhom flimkien huwa indikattiv tal-fatt li d-decizjoni tal-intimat li jtemm ir-relazzjoni tieghu ittiehdet tard wisq u certament b'non-kuranza ghall-fatt li l-attrici kienet qed tinvolvi ruhha personalment fi spejjez sabiex tara li t-tieg isehh.

Illi ai fini ta' kompletezza jinghad li b'dan kollu t-Tribunal ma jridx illi jinftiehem li l-attrici kienet wehidha l-vittma ta' din ir-relazzjoni li ma hadmitx anke ghaliex, **<u>kif inghad, l-attrici mhux qed titlob rizarciment tas-somma kollha sopportata minnha imma biss ghal nofs tali ammont rapprezentanti is-sehem tal-intimat</u>**. Huwa car li l-partijiet kellhom elementi serji ta' inkompatibilita` ta' karattru bejniethom u, ghalkemm l-intimat ghamel sew li ma kompliex l-gherusija in vista ta' tali disgwid, kellu jasal ghal din il-konkluzjoni ferm qabel u jikkunsidra sew il-posizzjoni tieghu qabel ma jiddeciedi li jizzewweg u jibdew il-preparattivi tat-tieg u mhux wara. Dan l-ezercizzju messu wettqu ferm aktar qabel u b'aktar skrupplu tenut kont tal-fatt li l-attrici kienet ser tinkorri wehidha l-ispejjez mertu tal-kawza almenu bl-akkwejixxenza tieghu u mhux bhal donnu serrah rasu minn dan kollu ghaliex hu ma kienx qed johrog flus direttament minn butu. (L-intimat stess jixhed: "*Fi ftit kliem, la ma kellix x'naqsam finanzjarjament, qatt ma kont nindahal jew nghidilha li nixtieq hekk jew hekk. Tant hu hekk li jiena lanqas kont naf kemm kienet qieghda tonfoq fuq it-tieg!*").

Illi perdipiu` lanqas tista' l-iskrittura privata sottoskritta mill-partijiet ftit qabel ma spiccat ir-relazzjoni ta' bejniethom isservi sabiex tiskaguna lill-intimat mir-responsabilita` tieghu li jikkontribwixxi sehmu ghal dawn l-ispejjez. Apparti l-fatt li, kif inghad hawn fuq, tali

disgwid serju anke fir-rigward tat-thejjija tat-tieg u wkoll in-nuqqas ta' partecipazzjoni attiva min-naha tal-intimat fit-thejjijiet relattivi kellhom iservu wehidhom sabiex jifthu ghajnejn l-intimat dwar id-decizjoni li messu ha qabel, il-qbil raggjunt permezz tal-iskrittura bl-ebda mod ma jikkontempla x'jigri f'kaz illi z-zwieg ma jsehhx. Aktar minn hekk, il-fatt illi l-partijiet qablu li "*the financial contributions and donations received in relation to said marriage shall appertain exclusively to Bernardette Vella, in compensation for the present expenses incurred in relation to the above mentioned marriage*" juri bic-car illi, anke f'dak l-istadju tardiv, il-partijiet ma kellhom ebda intenzjoni min-naha taghhom illi l-ispejjez tat-tieg jigu sopportati interament mill-attrici ad eskluzjoni tal-intimat. Anzi, il-fatt li l-partijiet ftehmu proprju li r-rigali jmorru ghand l-attrici huwa indikattiv tal-fatt li l-attrici ma kellha ebda intenzjoni li ssofri hi wehidha l-ispejjez tat-tieg jew iccedi drittijiet taghha f'tali rigward. Min-naha tieghu l-intimat kien qed jaqbel ma' dan tant li qabel li jhallasha lura bir-rigali tat-tieg li jircievi huwa wkoll.

Illi huwa car li wkoll in linea ma' dak li jinsab indikat hawn fuq, anke lilhinn mill-kwistjoni ta' htija o meno ghat-terminazzjoni tar-relazzjoni, huwa naturali, ekwu u gust li kull parti tirrifondi lill-ohra dik il-parti tal-ispejjez inkorsi mill-gharus/a taghha evenwalment a beneficcju taz-zewg partijiet. Meta jinqalghu l-intoppi u l-weghda taz-zwieg tispicca dak li kien fil-komunjoni ta' bejniethom jinqasam u mhux kulhadd izomm it-tajjeb jew il-hazin li jkun ha.

Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jichad l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-intimat u jiddikjara ruhu kompetenti sabiex jiddeciedi l-kaz odjern, jichad ukoll il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimat, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-intimat ihallas lill-istess attrici s-somma ta' erbat elef u tmin mitt euro (€4,800) rapprezentanti sehmu mill-hlasijiet li l-istess attrici ghamlet bhala depoziti fuq it-tieg li kellu jsir nhar it-28 ta' Gunju, 2017; bl-ispejjez tal-prezenti u tal-ittra ufficjali debitament notifikata lill-intimat flimkien mal-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv ilkoll kontra l-konvent

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**
**Gudikatur**